

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 131

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66  
16 ta' Mejju 2023

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/944 tas-17 ta' Jannar 2023 li jemenda u jikkoreġi l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għal tranżazzjonijiet fi strumenti azzjonarji <sup>(1)</sup>** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/945 tas-17 ta' Jannar 2023 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għal tranżazzjonijiet fi strumenti mhux azzjonarji <sup>(1)</sup>** ..... 17

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/944

tas-17 ta' Jannar 2023

**li jemenda u jikkoreġi l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għal tranżazzjonijiet fi strumenti azzjonarji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 14(7), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 20(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 22(3), it-tieni subparagrafu u l-Artikolu 23(3), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 <sup>(2)</sup>, l-identifikazzjoni ta' applikazzjoni inkonsistenti tad-dispożizzjonijiet li jiddependu fuq jekk tranżazzjoni tkunx li "ma tikkontribwix għall-formazzjoni tal-prezzijiet" jew le u filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-prattiċi kummerċjali minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi u l-adattamenti tal-imġiba tal-parteċipanti fis-suq li jippermettu li l-informazzjoni tiġi ppubblikata bi skadenza iqsar, hemm bżonn li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament Delegat.
- (2) Il-kunċett ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet, li huwa rilevanti għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni kummerċjali nneozjata, l-obbligu tan-negozjar tal-ishma, kif ukoll l-eżenzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negozjar għal tranżazzjonijiet bilaterali, ġie interpretat b'mod differenti minn entitajiet taħt superviżjoni, li wassal biex il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-trasparenza ta' wara n-negozjar tkun inkonsistenti. Biex jittejjbu t-trasparenza, il-kwalità tad-data u fl-aħħar mill-aħħar tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni tad-data, hemm bżonn li jiġi ssimplifikat u ċarat ir-reġim ta' rapportar applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' ekwità. Biex tiġi evitata interpretazzjoni diverġenti, id-diversi dispożizzjonijiet li jiddependu fuq il-kunċett ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet kemm fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 kif ukoll fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 <sup>(3)</sup>, li jittratta r-rapportar tat-tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiġu allinjati. Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/590 fih it-tranżazzjonijiet kollha li għandhom jiġu esklużi mir-rekwiżiti ta' rapportar, u għalhekk jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet separati fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jitneħħew.

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għall-ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward ta' ishma, irċevuti depożitarji, fondi nneozjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-rigward ta' ċerti ishma f'ċentru tan-negozjar jew minn internalizzaturi sistematiċi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 387).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449).

- (3) L-allinjament tal-kunċett ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet ma' dak il-kunċett fir-Regolament Delegat (UE) 2017/590 jagħmel superfluwa d-definizzjoni ta' "tranżazzjonijiet give-up" jew "tranżazzjonijiet give-in", billi dik id-definizzjoni ntużat biss f'dispożizzjonijiet li jitrattaw dak il-kunċett. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli" ma tintużax f'dak ir-Regolament Delegat. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk id-definizzjonijiet jitħassru.
- (4) Għalkemm it-trasparenza ta' qabel in-negożjar fi strumenti azzjonarji u strumenti simili żdiedet minħabba l-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587, il-livell ta' trasparenza f'ħin reali ta' qabel in-negożjar għadu baxx għall-fondi nnegożjati fil-borża (ETFs). Din hija konsegwenza ta' perċentwal sinifikanti ta' tranżazzjonijiet tal-ETF, kemm f'termini tal-għadd ta' tranżazzjonijiet kif ukoll tal-volum innegożjat, li bħalissa jibbenefikaw minn eżenzjoni, b'mod partikolari l-eżenzjoni fuq dimensjonijiet kbar kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Għalhekk, l-objettiv ta' dak ir-Regolament li tiżdied it-trasparenza fis-suq tal-ETF ma ntlaħaqx kompletament. Għalhekk, biex tiżdied it-trasparenza f'ħin reali ta' qabel in-negożjar fl-ETF, hemm bżonn li jiżdied il-limitu ta' trasparenza fuq dimensjonijiet kbar ta' qabel in-negożjar applikabbli għall-ETFs. Iż-żieda tal-livell limitu se tiżgura li aktar tranżazzjonijiet fl-ETFs ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar f'ħin reali filwaqt li tiggarantixxi biżżejjed protezzjoni kontra l-impatt fuq il-prezzijiet għal ordnijiet kbar.
- (5) Bl-istess mod, il-livell ta' trasparenza ta' wara n-negożjar għall-ETFs għadu baxx, u l-proporzjon tal-pubblikazzjoni differita tat-tranżazzjonijiet fl-ETF għadu ogħla sew minn dak għal ishma u strumenti azzjonarji oħra. Biex jiġi żgurati li aktar tranżazzjonijiet fl-ETFs ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negożjar f'ħin reali, hemm bżonn li jiżdied id-daqs kwalifikanti minimu ta' tranżazzjonijiet f'ETFs li huma intitolati għal differiment ta' 60 minuta. Dik iż-żieda fil-livell limitu tirrifletti l-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fit-trasparenza f'ħin reali u l-iżgurati ta' protezzjoni suffiċjenti kontra l-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' ordnijiet viżibbli kbar.
- (6) Il-parteċipanti fis-suq kienu qed jinterpretaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għal sistemi ta' negożjar ibridi b'mod differenti, li rriżulta f'inkonsistenza fit-trasparenza ta' qabel in-negożjar divulgata mill-operaturi ta' sistemi bħal dawn. Is-sistemi ibridi huma sistemi li jikkombinaw żewġ sistemi ta' negożjar jew aktar. Biex jiġi żgurati li dawn l-operaturi jdivulgaw informazzjoni adegwata dwar it-trasparenza ta' qabel in-negożjar b'mod konsistenti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għal sistemi ta' negożjar ibridi li jiggarantixxu li r-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar ikunu allinjati ma' dawk tas-sistemi individwali li minnhom tikkonsisti s-sistema ibrida.
- (7) L-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, bħal iżieda fl-użu ta' sistemi b'latenza iqsar, jippermettu li l-parteċipanti fis-suq jipprovdu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet aktar kmieni. Meta jitqies dan, il-possibbiltà li l-informazzjoni ta' wara n-negożjar differita tiġi ppubblikata mhux aktar tard minn nofsinhar tal-jum ta' negożjar li jmiss għal tranżazzjonijiet eżegwiti inqas minn sagħtejn qabel tmiem il-jum ta' negożjar hija twila bla bżonn. Biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni f'waqtha tal-informazzjoni ta' wara n-negożjar, huwa għalhekk meħtieġ li dan il-perjodu jitnaqqas għal mhux aktar tard mid-9 a.m. tal-ħin lokali tal-jum ta' negożjar li jmiss.
- (8) Iċ-ċentri tan-negożjar, l-arranġamenti ta' publikazzjoni approvati (approved publication arrangements, APAs) u d-ditti tal-investment ma jinterpretawx ir-rekwiżiti relatati mad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-trasparenza ta' wara n-negożjar lill-pubbliku u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovdata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-kalkoli tat-trasparenza b'mod konsistenti. B'riżultat ta' dan, tali informazzjoni hija inkompleta, mhux preċiża jew inkonsistenti. Dan idgħajjef il-potenzjal ta' użu ta' tali informazzjoni u l-kwalità u l-preċiżjoni tal-kalkoli tat-trasparenza bbażati fuq id-data ppreżentata. Biex tiġi promossa l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negożjar madwar l-Unjoni, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi speċifikat aktar il-kontenut tat-talbiet għad-data, u b'mod partikolari d-dettalji li għandhom jiġu divulgati miċ-ċentri tan-negożjar, l-APAs u l-fornituri ta' tapes konsolidati meta jirrapportaw data ta' referenza u data kwantitattiva lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti.
- (9) Għalhekk jenħtieġ, li r-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jiġi emendat skont dan.

- (10) Biex iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u d-ditti tal-investiment ikunu jistgħu jimplementaw il-bidliet meħtieġa fis-sistemi tagħhom, jenħtieġ li ċerti emendi introdotti b'dan ir-Regolament jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Biex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza tad-dritt u l-kontinwità għat-tranżazzjonijiet eżegwiti qabel l-1 ta' Jannar 2024 iżda li jiġu ppubblikati jew emendati wara dik id-data, jenħtieġ li l-Artikoli 2, 6 u 13 u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 kif applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2023 ikomplu japplikaw għal dawk it-tranżazzjonijiet.
- (11) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (12) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/587**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, jitħassru l-punti (2) u (3);
- (2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
  - (a) il-punti minn (d) sa (i) jitħassru;
  - (b) jiżdied il-punt (j) li ġej:

“(j) it-tranżazzjoni ma tikkostitwix tranżazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 f'konformità mal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 <sup>(\*)</sup>.”

<sup>(\*)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449).”;

- (3) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
  - (a) il-punti minn (d) sa (i) jitħassru;
  - (b) jiżdied il-punt (k) li ġej:

“(k) it-tranżazzjoni ma tikkostitwix tranżazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 f'konformità mal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590.”;

- (4) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Ordni fir-rigward ta' ETF għandha titqies bħala ta' dimensjoni kbira meta l-ordni tkun EUR 3 000 000 jew aktar.”;

- (5) fl-Artikolu 13, il-punti (b) (c) u (d) jitħassru;
- (6) fl-Artikolu 15(3), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) mhux aktar tard mill-ftuħ tal-jum ta' negozjar li jkun imiss tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għal tranżazzjonijiet mhux koperti fil-punt (a).”;

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(7) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment, inklużi d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jużaw l-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4(1) u l-punti (2) u (4) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għall-perjodu bejn l-ewwel Tnejn ta' April tas-sena li fiha l-informazzjoni tiġi ppubblikata u l-jum qabel l-ewwel Tnejn ta' April tas-sena ta' wara.”;

(b) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

“6. Meta l-ESMA jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jeħtieġu informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs għandhom jipprovdu tali informazzjoni f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

7. Meta d-daqs tan-negozjar iddeterminat għall-finijiet tal-Artikolu 7(1) u (2), l-Artikolu 8(2), il-punt (a), l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 15(1) ikun espress f'valur monetarju u l-istrument finanzjarju ma jkunx denominat feuro, id-daqs tan-negozjar għandu jiġi kkonvertit għall-munita li fiha jkun denominat l-istrument finanzjarju billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.”;

(8) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(10) It-test stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness IV.

#### Artikolu 2

### **Korrezzjonijiet għar-Regolament Delegat (UE) 2017/587**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) l-arranġament huwa konformi mal-arranġamenti tekniċi ekwivalenti għal dawk speċifikati għal arranġamenti ta' pubblikazzjoni approvati (APA) fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/571 li jiffaċilita l-konsolidazzjoni tad-*data* b'*data* simili minn sorsi oħra.”;

(2) L-Artikolu 18 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 18

#### **Referenza għall-awtoritajiet kompetenti**

(L-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-awtorità kompetenti għal strument finanzjarju speċifiku responsabbli biex jagħmel il-kalkoli u jiggarrantixxi l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 7, 11 u 17 għandha tkun l-awtorità kompetenti tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u speċifikat fl-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590.”.

#### Artikolu 3

### **Dispożizzjoni tranżizzjonali**

L-Artikoli 2, 6 u 13 u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 kif applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2023 għandhom ikompli japplikaw għal tranżazzjonijiet eżegwiti qabel l-1 ta' Jannar 2024.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punti (2), (3), (5) u (8) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

\_\_\_\_\_

## ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Tabella 1 tinbidel b'din li ġejja:

“Tabella 1

**Deskrizzjoni tat-tip ta' sistemi ta' negozjar u l-informazzjoni relatata li għandha ssir pubblika f'konformità mal-Artikolu 3**

Ringiela	Tip ta' sistema ta' negozjar	Deskrizzjoni tas-sistema ta' negozjar	Informazzjoni li għandha ssir pubblika
1	Sistema ta' negozjar b'irkanti kontinwi permezz ta' ktieb tal-ordnijiet	Sistema li permezz ta' ktieb tal-ordnijiet u algoritmu għan-negozjar li taħdem mingħajr intervent uman tqabbel l-ordnijiet tal-bejgħ mal-ordnijiet tax-xiri fuq il-bażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa.	L-għadd aggregat ta' ordnijiet u ishma, riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra li jirrappreżentaw f'kull livell ta' prezz għal mill-inqas l-aħjar ħames livelli ta' prezzijiet ta' xiri u ta' bejgħ.
2	Sistema ta' negozjar ibbażata fuq il-kwotazzjonijiet	Sistema li fiha t-tranżazzjonijiet jiġu konklużi fuq il-bażi ta' kwotazzjonijiet sodi li jitqiegħdu kontinwament għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti, li teħtiegħ li l-ġeneraturi tas-suq iżommu l-kwotazzjonijiet f'daq li jibbilanċja l-ħtiġiet tal-membri u tal-parteċipanti biex jagħmlu negozju fi kwantitajiet kummerċjali u bir-riskju li għalih jesponi ruħu l-ġeneratur tas-suq.	L-aqwa prezz ta' xiri u bejgħ ta' kull ġeneratur tas-suq f'ishma, riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra nnegozjati f'sistema ta' negozju, flimkien mal-volumi marbuta ma' dawg il-prezzijiet. Il-kwotazzjonijiet li jsiru pubbliċi għandhom ikunu dawg li jirrappreżentaw impenji vinkolanti biex jinxtrow u jinbiegħu l-istrumenti finanzjarji u li jindikaw il-prezz u l-volum ta' strumenti finanzjarji li l-ġeneraturi tas-suq irreġistrati jkunu lesti jbigħu jew jixtru. Madankollu, f'kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-swieq, jistgħu jkunu permessi prezzijiet indikattivi, jew ta' xiri jew ta' bejgħ biss, għal perjodu limitat.
3	Sistema ta' negozjar bi rkant perjodiku	Sistema li tqabbel l-ordnijiet fuq il-bażi ta' rkant perjodiku u algoritmu ta' negozjar imħaddma mingħajr l-intervent uman.	Il-prezz li bih is-sistema tan-negozjar bi rkant tissodisfa bl-aħjar mod l-algoritmu tan-negozjar tagħha fir-rigward tal-ishma, r-riċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra nnegozjati f'sistema ta' negozjar u l-volum li potenzjalment jista' jitwettaq b'dak il-prezz mill-parteċipanti f'dik is-sistema.



Ringiela	Tip ta' sistema ta' negozjar	Deskrizzjoni tas-sistema ta' negozjar	Informazzjoni li għandha ssir pubblika
4	Sistema ta' talba għal kwotazzjoni	Sistema ta' negozjar meta kwotazzjoni jew kwotazzjonijiet jingħataw bi tweġiba għal talba għal kwotazzjoni ppreżentata minn membru jew parteċipant jew iktar. Il-kwotazzjoni hija eżegwibbli biss mill-membri jew mill-partiċipanti li jagħmel it-talba. Il-membri jew il-partiċipanti li jagħmel it-talba jista' jikkonkludi tranżazzjoni billi jaċċetta l-kwotazzjoni jew il-kwotazzjonijiet li jingħataw fuq il-bażi ta' talba.	Il-kwotazzjonijiet u l-volumi meħmuża minn kull membru jew parteċipant li, jekk jiġu aċċettati, jwasslu għal tranżazzjoni skont ir-regoli tas-sistema. Il-kwotazzjonijiet kollha ppreżentati bi tweġiba għal talba għal kwotazzjoni jistgħu jiġu ppubblikati fl-istess ħin, iżda mhux iktar tard minn meta jsiru eżegwibbli.
5	Sistema ta' negozjar ibrida	Sistema li taqa' f'żewġ t-tipi ta' sistemi ta' negozjar jew aktar imsemmija fir-ringieli minn 1 sa 4 ta' din it-Tabella.	Għal sistemi ibridi li jikkombinaw sistemi ta' negozjar differenti fl-istess ħin, ir-rekwiżiti jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar applikabbli għal kull tip ta' sistema ta' negozjar li tiffirma s-sistema ibrida. Għal sistemi ibridi li sussegwentement jikkombinaw żewġ sistemi ta' negozjar jew aktar, ir-rekwiżiti jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar applikabbli għas-sistema ta' negozjar rispettiva mħaddma f'mument partikolari
6	Kull sistema oħra ta' negozjar	Kull tip ieħor ta' sistema ta' negozjar mhux koperta mir-ringieli minn 1 sa 5.	Informazzjoni adegwata rigward il-livell tal-ordnijiet jew kwotazzjonijiet u tal-interess tan-negozjar fir-rigward ta' ishma, riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra n-negozjati f'sistema ta' negozjar; b'mod partikolari, jekk il-karatteristiċi tal-formazzjoni tal-prezz jippermettu, l-aqwa ħames livelli ta' prezzijiet ta' xiri u ta' bejgħ u/jew il-kwotazzjoni bidirezzjonali ta' kull ġeneratur tas-suq."

(2) It-Tabelli 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"Tabella 3

**Lista ta' dettalji għall-fini ta' trasparenza ta' wara n-negozjar**

#	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 2
1	Id-data u l-ħin tan-negozjar	Id-data u l-ħin meta ġiet eżegwita t-tranżazzjoni. Għal tranżazzjonijiet li jitwettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' dettall għandu jkun f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/574. Għat-tranżazzjonijiet mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, id-data u l-ħin meta l-partijiet jiftiehemu l-kontenut ta' dawn il-kampi li ġejjin: il-kwantità, il-prezz, il-muniti, kif speċifikati fil-kampi 31, 34 u 44 kif speċifikat	Suq Regolat (SR) Faċilità Multilaterali tan-Negozjar (Multilateral Trading Facility, MTF) Arranġament ta' Pubblikazzjoni Approvat (APA) Fornitur ta' tape konsolidat (Consolidated tape provider, CTP)	{DATE_TIME_FORMAT}

#	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 2
		<p>fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument, il-klassifikazzjoni tal-istrument u l-kodiċi tal-istrument sottostanti, meta applikabbli. Għat-tranżazzjonijiet mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar il-ħin irrapportat għandu jkun preċiż għal mill-inqas l-eqreb sekonda.</p> <p>Meta t-tranżazzjoni tirriżulta minn ordni trażmessa mill-kumpanija ta' eżekuzzjoni fisem klijent lil terza persuna f'każ meta l-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590 ma jkunux ġew issodisfati, din għandha tkun id-data u l-ħin tat-tranżazzjoni pjuttost milli l-ħin tat-trażmissjoni tal-ordni.</p>		
2	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument	Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju.	RM, MTF, APA, CTP	{ISIN}
3	Prezz	<p>Il-prezz ta' negozjar tat-tranżazzjoni ħlief, meta applikabbli, il-kummissjoni u l-imgħax dovut.</p> <p>Meta l-prezz ikun irrapportat f'termini monetarji, dan għandu jingħata fl-unità tal-munita prinċipali.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx attwalment disponibbli iżda pendent (pending, 'PNDG') jew mhux applikabbli (not applicable, 'NOAP'), dan il-kamp ma għandux jimtela.</p>	RM, MTF, APA, CTP	<p>{DECIMAL-18/13} meta l-prezz jiġi espress bħala valur monetarju fil-każ ta' ekwità u strumenti finanzjarji li jixbhu l-ekwità</p> <p>{DECIMAL-11/10} meta l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew rendiment fil-każ ta' ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra simili għal ekwità</p>
4	Prezz Nieqes	<p>Meta l-prezz ma jkunx attwalment disponibbli iżda pendent, il-valur għandu jkun 'PNDG'.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx applikabbli l-valur għandu jkun 'NOAP'.</p>	RM, MTF, APA, CTP	'PNDG' fil-każ li l-prezz ma jkunx disponibbli 'NOAP' fil-każ li l-prezz ma jkunx applikabbli
5	Il-munita tal-prezz	Il-munita prinċipali li biha jiġi espress il-prezz (applikabbli jekk il-prezz ikun espress bħala valur monetarju).	RM, MTF, APA, CTP	{CURRENCYCODE_3}
6	Notazzjoni tal-prezz	Indikazzjoni dwar jekk il-prezz huwiex espress f'valur monetarju, f'perċentwal jew f'rendiment.	RM, MTF, APA, CTP	<p>'MONE' — Valur monetarju</p> <p>fil-każ ta' ekwità u strumenti finanzjarji simili għal ekwità</p> <p>'PERC' — Perċentwal</p>

#	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 2
				<p>fil-każ ta' ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra li jixbhu l-ekwità</p> <p>'YIEL' — Rendiment</p> <p>fil-każ ta' ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra li jixbhu l-ekwità</p> <p>'BAPO' — Punti bażi</p> <p>fil-każ ta' ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra li jixbhu l-ekwità</p>
7	Kwantità	<p>Għadd ta' unitajiet tal-istrumenti finanzjarji.</p> <p>Il-valur nominali jew monetarju tal-istrument finanzjarju.</p>	RM, MTF, APA, CTP	<p>{DECIMAL-18/17} fil-każ li l-kwantità tiġi espressa bħala għadd ta' unitajiet</p> <p>{DECIMAL-18/5} fil-każ li l-kwantità tiġi espressa bħala valur monetarju jew nominali</p>
8	Ċentru tal-eżekuzzjoni	<p>L-identifikazzjoni tas-sit fejn ġiet eżegwita t-tranżazzjoni.</p> <p>Uża l-MIC tas-segment tas-suq ISO 10383 għal tranżazzjonijiet eżegwiti f'ċentru tan-negozjar tal-UE. Meta s-segment MIC ma jkunx jeżisti, uża l-MIC operattiv.</p> <p>Uża 'SINT' għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar, meta t-tranżazzjoni f'dak l-istrument finanzjarju tiġi eżegwita permezz ta' Internalizzatur Sistematiċu.</p> <p>Uża kodiċi MIC 'XOFF' għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar, f'każ li t-tranżazzjoni f'dak l-istrument finanzjarju la hija eżegwita f'ċentri tan-negozjar: tal-UE u lanqas permezz ta' internalizzatur sistematiċu. Jekk it-tranżazzjoni tiġi eżegwita fuq pjattaforma organizzata tan-negozjar barra mill-UE, allura jkun hemm bżonn ukoll il-popolazzjoni tal-kamp 'Ċentru ta' eżekuzzjoni ta' pajjiż terz' flimkien mal-kodiċi MIC 'XOFF'.</p>	RM, MTF, APA, CTP	<p>{MIC} – ċentri tan-negozjar tal-UE jew</p> <p>'SINT' — internalizzatur sistematiċu</p> <p>'XOFF' — ieħor</p>

#	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 2
9	Ċentru tan-negozjar ta' eżekuzzjoni ta' pajjiż terz	L-identifikazzjoni taċ-ċentru ta' negozjar tal-pajjiż terz fejn ġiet eżegwita t-tranżazzjoni. Uża l-MIC tas-segment tas-suq ISO 10383. Meta s-segment MIC ma jkunx jeżisti, uża l-MIC operattiv.  Meta t-tranżazzjoni ma tiġix eżegwita f'ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz, il-kamp ma għandux jimtela.	APA, CTP	{MIC}
10	Id-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni	Id-data u l-ħin meta t-tranżazzjoni ġiet ippubblikata minn ċentru tan-negozjar jew minn APA.  Għal tranżazzjonijiet li jitwettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' dettall għandu jkun f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/574.  Għat-tranżazzjonijiet mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar, id-data u l-ħin għandhom ikunu preċiżi sa mill-inqas l-egreb sekonda.	RM, MTF, APA, CTP	{DATE_TIME_FORMAT}
11	Post tal-Pubblikazzjoni	Il-kodiċi użat sabiex jiġi identifikat il-post tan-negozjar jew l-APA li tippubblika t-tranżazzjoni.	CTP	ċentru tan-negozjar: {MIC}  APA: Il-MIC tas-segment tas-suq ISO 10383 (erba' karattri) meta disponibbli. Inkella, kodiċi b'erba' karattri kif ippubblikat fil-lista tal-fornituri tas-servizzi tar-rappurtar tad-data fis-sit elettroniku tal-ESMA.
12	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni	Kodiċi alfanumeriku assenjat miċ-ċentri tan-negozjar (skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 (!)) u mill-APAs u użat f'kull referenza sussegwenti għan-negozjar speċifiku.  Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull MIC tas-segment tas-suq ISO 10383 u għal kull jum ta' negozjar. Meta ċ-ċentru tan-negozjar ma jużax MICs tas-segment, il-kodiċi tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull MIC operattiv għal kull jum ta' negozjar.	RM, MTF, APA, CTP	{ALPHANUM-52}

#	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 2
		<p>Meta l-APA ma jużax MICs, għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull kodiċi b'erba' karattri użati biex jidentifikaw l-APA għal kull jum ta' negozjar.</p> <p>Il-komponenti tal-kodiċi tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjoni ma għandhomx jiżvelaw l-identità tal-kontropartijiet tat-tranżazzjoni li għaliha l-kodiċi jkun qiegħed jinżamm</p>		

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għaż-żamma tad-*data* rilevanti dwar l-ordnijiet fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 193).

Tabella 4

## Lista ta' indikaturi għall-fini ta' trasparenza ta' wara n-negozjar

Indikatur	Isem	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Deskrizzjoni
'BENC'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet ta' riferiment	RM, MTF APA CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti b'referenza għal prezz li huwa kkalkulat fuq diversi istanzi ta' żmien f'konformità mal-parametru referenzjarju partikolari, b'halma huwa l-prezz medju ponderat skont il-volum jew il-prezz medju skont il-ħin.
'NPFT'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet kif stabbilit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590.
'PORT'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet tal-portafoll	RM, MTF APA CTP	Tranżazzjonijiet f'ħames strumenti finanzjarji differenti jew aktar, meta dawn it-tranżazzjonijiet ikunu nnegozjati fl-istess ħin mill-istess klijent u b'halma lott uniku kontra prezz ta' referenza speċifiku.
'CONT'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet kontinġenti	RM, MTF APA CTP	It-tranżazzjonijiet li jkunu kontinġenti fuq ix-xiri, il-bejgħ, il-ħolqien jew it-tifdija ta' kuntratt derivattiv jew strument finanzjarju ieħor meta l-għan ikun li l-komponenti kollha tan-negozjar jiġu eżegwiti b'halma lott uniku.
'ACTX'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet tat-tip agency cross	APA CTP	Tranżazzjonijiet meta ditta tal-investment tkun ġabret flimkien l-ordnijiet tal-klijenti u x-xiri u l-bejgħ isiru b'halma tranżazzjoni waħda li tinvolvi l-istess volum u prezz.
'SDIV'	Indikatur ta' tranżazzjoni ta' dividend speċjali	RM, MTF APA CTP	Tranżazzjonijiet li huma jew: eżegwiti matul il-perjodu ex-dividend meta d-dividend jew forma oħra ta' distribuzzjoni tkun dovuta lix-xerrej minflok lil bejjiegħ; jew eżegwiti matul il-perjodu cum-dividend meta d-dividend jew forma oħra ta' distribuzzjoni tkun dovuta lill-bejjiegħ minflok lix-xerrej.

Indikatur	Isem	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Deskrizzjoni
'LRGS'	Indikatur ta' tranżazzjoni ta' dimensjoni kbira ta' wara n-negozjar	RM, MTF APA CTP	Tranżazzjonijiet li huma ta' dimensjoni kbira meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq li għalihom il-pubblikazzjoni differita hija permessa skont l-Artikolu 15.
'RFPT'	Indikatur ta' tranżazzjoni tal-prezz ta' referenza	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet li huma eżegwiti skont sistemi li joperaw f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
'NLIQ'	Indikatur ta' tranżazzjoni nnegozjata fi strumenti finanzjarji likwidi	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (b)(i) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
'OILQ'	Indikatur ta' tranżazzjoni nnegozjata fi strumenti finanzjarji illikwidi	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
'PRIC'	Indikatur ta' tranżazzjoni nnegozjata suġġetta għal kundizzjonijiet oħrajn għajr il-prezz kurrenti tas-suq	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u kif stabbilit fl-Artikolu 6.
'ALGO'	Indikatur ta' tranżazzjoni ta' algoritmu	RM, MTF CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti bħala riżultat meta ditte ta' investiment tipprattika negozjar algoritmiku kif iddefinit fl-Artikolu 4(1), il-punt (39) tad-Direttiva 2014/65/UE.
'SIZE'	Indikatur ta' tranżazzjoni ogħla mid-daqs standard tas-suq	APA CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti permezz ta' internalizzatur sistematiku meta d-daqs tal-ordni li jmiss tkun ogħla mid-daqs standard tas-suq kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11.
'ILQD'	Indikatur ta' tranżazzjoni ta' strument illikwidu	APA CTP	Tranżazzjonijiet fi strumenti illikwidi kif determinat f'konformità mal-Artikoli minn 1 sa 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/567 <sup>(1)</sup> eżegwiti permezz ta' internalizzatur sistematiku.
'RPRI'	Indikatur ta' tranżazzjonijiet li jkunu rċevew titjib fil-prezz	APA CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti permezz ta' internalizzatur sistematiku b'titjib tal-prezz f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
'CANC'	Indikatur ta' kanċellazzjoni	RM, MTF APA CTP	Meta tranżazzjoni li tkun diġà ġiet ippubblikata tiġi kkanċellata
'AMND'	Indikatur ta' emenda	RM, MTF APA CTP	Meta tranżazzjoni li tkun diġà ġiet ippubblikata tiġi emendata
'DUPL'	Indikatur ta' rapporti duplikati ta' negozjar	APA	Meta tranżazzjoni tiġi rrapportata lil attar minn APA wieħed f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/571.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/567 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjonijiet, it-trasparenza, il-kompressjoni ta' portafolli u l-miżuri superviżorji fuq l-intervent fuq prodotti u pożizzjonijiet (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 90)."

## ANNEX II

Fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587, it-Tabella 5 tinbidel b'dan li ġej:

“Tabella 5

**Il-limiti ta'pubblikazzjoni differita u dewmien għall-EFTs**

Id-daqs minimu biex tranżazzjoni tikkwalifika għad-dewmien permess f'EUR	Iż-żmien tal-pubblikazzjoni wara t-tranżazzjoni
15 000 000	60 minuta
50 000 000	Tmien il-jum tan-negozjar”

## ANNEX III

## “ANNEX IV

**Data li għandha tiġi pprovduta biex jiġi ddeterminat is-Suq l-Aktar Rilevanti f'termini ta' likwidità, l-ADT u tal-AVT**

Tabella 1

**Tabella ta' simboli**

Simbolu	Tip ta' Data	Definizzjoni
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kamp għat-test liberu
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166
{MIC}	erba' karattri alfanumeriċi	Identifikatur tas-suq kif definit f'ISO 10383
{DATEFORMAT}	Il-format tad-data ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom dan il-format: SSSS-XX-JJ.
{DECIMAL-n/m}	Numru deċimali sa ċifri n b'kollox, li minnhom sa ċifri m jistgħu jkunu ċifri ta' frazzjonijiet	Kamp numeriku kemm għall-valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi. is-separatur deċimali huwa '.' (punt); iċ-ċifri negattivi għandhom il-prefissi '-' (minus); il-valuri huma approssimattivi u mhux tronkati.
{INTEGER-n}	Numru sħiħ sa n ċifri	Kamp numeriku kemm għall-valuri sħaħ pożittivi kif ukoll negattivi.

Tabella 2

**Detalji li għandhom jiġu pprovduti għall-fini tad-determinazzjoni tas-Suq l-Aktar Rilevanti f'termini ta' likwidità, l-ADT u l-AVT (abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rapportar attwali)**

Numru tal-kamp	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
1	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument	Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju	Suq Regolat (SR) Faċilità Multilaterali tan-Negożjar (Multilateral Trading Facility, MTF) Arranġament ta' Pubblikazzjoni Approvat (APA) Fornitur ta' tape konsolidat (Consolidated tape provider, CTP)	{ISIN}
2	Data tal-eżekuzzjoni	Id-data li fiha jiġu eżegwiti t-tranżazzjonijiet.	RM, MTF, APA, CTP	{DATEFORMAT}



Numru tal-kamp	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtle kif definit fit-Tabella 1
3	Ċentru tal-eżekuzzjoni	Il-MIC tas-segment għaċ-ċentru tan-negożjar tal-UE jew internalizzatur sistematiku, meta disponibbli, inkella l-MIC operattiv.  MIC XOFF fil-każ li t-tranżazzjoni tiġi eżegwita minn ditti tal-investment li mhumiex internalizzaturi sistematiki u ma tiġix eżegwita f'ċentru tan-negożjar.	RM, MTF, APA, CTP	{MIC} – taċ-ċentru tan-negożjar jew tal-internalizzatur sistematiku jew tal-{MIC}-XOFF”
4	Indikatur ta' strument sospiż	Indikatur ta' jekk l-istrument ġiex sospiż għall-jum kollu tan-negożjar fiċ-ċentru tan-negożjar rispettiv fid-data tal-eżekuzzjoni.  Bħala konsegwenza ta' strument li jiġi sospiż għall-jum kollu tan-negożjar, il-kampi minn 5 sa 10 għandhom jiġu rrapportati b'valur ta' zero.	RM, MTF, CTP	TRUE - jekk l-istrument ġie sospiż għall-jum ta' negożjar kollu  jew FALSE – jekk l-istrument ma ġiex sospiż għall-jum kollu ta' negożjar
5	L-għadd totali ta' tranżazzjonijiet	L-għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżegwiti fid-data tal-eżekuzzjoni (**).	RM, MTF, APA, CTP	{INTEGER-18}
6	Fatturat totali	Il-fatturat totali eżegwit fid-data tal-eżekuzzjoni, espress f'EUR (*) (**).	RM, MTF, APA, CTP	{DECIMAL-18/5}
7	Tranżazzjonijiet eżegwiti, esklużi t-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont l-eżenzjonijiet ta' qabel in-negożjar tal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.	L-għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżegwiti fid-data tal-eżekuzzjoni esklużi t-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont l-eżenzjonijiet ta' qabel in-negożjar tal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fl-istess jum (**).	RM, MTF, CTP	{INTEGER-18}
8	Il-fatturat totali eżegwit, esklużi t-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont l-eżenzjonijiet ta' qabel in-negożjar tal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.	Il-fatturat totali eżegwit fid-data tal-eżekuzzjoni esklużi t-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont l-eżenzjonijiet ta' qabel in-negożjar tal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fl-istess jum (*) (**).	RM, MTF, CTP	{DECIMAL-18/5}

Numru tal-kamp	Identifikatur tal-kamp	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' post tal-eżekuzzjoni jew tal-pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
9	Għadd totali ta' tranżazzjonijiet minbarra dawk eżegwiti skont id-differiment tal-LIS ta' wara n-negozjar.	<p>L-għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżegwiti fid-data tal-eżekuzzjoni, esklużi dawk it-tranżazzjonijiet eżegwiti skont l-eżenzjoni għal dimensjonijiet kbar (wara n-negozjar) (**).</p> <p>Għall-ishma u l-irċevuti depożitarji għandu jintuża biss l-ogħla limitu għall-faxxa tal-fatturat medju ta' kuljum (average daily turnover, ADT) fit-Tabella 4 tal-Anness II biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet.</p> <p>Għal ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra għandu jintuża biss l-ogħla limitu fit-Tabella 6 tal-Anness II biss biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet</p> <p>Għall-ETFs, għandu jintuża biss l-ogħla limitu fit-Tabella 5 tal-Anness II biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet.</p>	RM, MTF, APA, CTP	{INTEGER-18}
10	Fatturat totali eżegwit, esklużi tranżazzjonijiet eżegwiti skont id-differiment tal-LIS ta' wara n-negozjar.	<p>Il-volum totali tat-tranżazzjonijiet eżegwiti fid-data tal-eżekuzzjoni, esklużi dawk it-tranżazzjonijiet eżegwiti skont l-eżenzjoni għal dimensjonijiet kbar (wara n-negozjar) (*) (**).</p> <p>Għall-ishma u l-irċevuti depożitarji għandu jintuża biss l-ogħla limitu għall-faxxa tal-fatturat medju ta' kuljum (average daily turnover, ADT) fit-Tabella 4 tal-Anness II biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet.</p> <p>Għal ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra għandu jintuża biss l-ogħla limitu fit-Tabella 6 tal-Anness II biss biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet</p> <p>Għall-ETFs, għandu jintuża biss l-ogħla limitu fit-Tabella 5 tal-Anness II biex jiġu identifikati dawn it-tranżazzjonijiet.</p>	RM, MTF, APA, CTP	{DECIMAL-18/5}

(\*) Il-fatturat għandu jiġi kkalkolat bħala l-għadd ta' strumenti skambjati bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa mmultiplikati bil-prezz unitarju tal-istrument skambjat għal dik it-tranżazzjoni speċifika u għandu jiġi espress f'EUR.

(\*\*) It-tranżazzjonijiet ikkanċellati għandhom jiġu esklużi miċ-ċifri rrapportati. Fil-każijiet kollha, il-kamp irid jimtela b'valur akbar minn żero jew ugwali għal żero sa 18-il karattru numeriku inkluż sa ħames pożizzjonijiet deċimali.”

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/945

tas-17 ta' Jannar 2023

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għal tranżazzjonijiet fi strumenti mhux azzjonarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(4), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 14(7), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(5), it-tielet subparagrafu u l-Artikolu 22(3) it-tieni subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 <sup>(2)</sup>, l-identifikazzjoni tal-applikazzjoni inkonsistenti tad-dispożizzjonijiet li jiddependu fuq jekk tranżazzjoni tkunx li "ma tikkontribwix għall-formazzjoni tal-prezzijiet" jew le u filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-prattiki kummerċjali minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi u l-adattamenti tal-imġiba tal-parteċipanti fis-suq li jippermettu li l-informazzjoni tiġi ppubblikata bi skadenza iqsar, huwa meħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament Delegat.
- (2) Il-kunċett ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet, li huwa rilevanti għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negozjar għat-tranżazzjonijiet bilaterali, ġie interpretat b'mod differenti mill-entitajiet taħt superviżjoni, li wassal għall-pubblikazzjoni inkonsistenti ta' informazzjoni dwar it-trasparenza ta' wara n-negozjar f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>. Biex jittejjbu t-trasparenza, il-kwalità tad-*data* u fl-aħħar mill-aħħar tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni tad-*data*, hemm bżonn li jiġi ssimplifikat u ċċarat ir-reġim ta' rapportar applikabbli għat-tranżazzjonijiet mhux azzjonarji. Biex tiġi evitata interpretazzjoni diverġenti, id-diversi dispożizzjonijiet li jiddependu fuq il-kunċett ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet kemm fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 <sup>(4)</sup> kif ukoll fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 <sup>(5)</sup>, li jitratta r-rapportar tat-tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiġu allinjati. Billi l-lista ta' tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet fir-Regolament Delegat (UE) 2017/590 tinkludi t-tranżazzjonijiet kollha li jridu jiġu esklużi mir-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ għalhekk li t-tranżazzjonijiet separati fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jitnehew.
- (3) Il-parteċipanti fis-suq kienu qed jinterpretaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għal sistemi ta' negozjar ibridi b'mod differenti, li rriżulta f'inkonsistenza fit-trasparenza ta' qabel in-negozjar divulgata mill-operaturi ta' sistemi bħal dawn. Is-sistemi ibridi huma sistemi li jikkombinaw żewġ sistemi ta' negozjar jew aktar. Biex jiġi żgurat li dawn l-operaturi jiddivulgaw informazzjoni adegwata dwar it-trasparenza ta' qabel in-negozjar b'mod konsistenti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għal sistemi ta' negozjar ibridi li jggarantixxu li r-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar ikunu allinjati ma' dawk tas-sistemi individwali li minnhom tikkonsisti s-sistema ibrida.

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal-ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward ta' ishma, irċevuti depożitarji, fondi nnegozjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-rigward ta' ċertu ishma f'ċentru tan-negozjar jew minn internalizzaturi sistematiċi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 387).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449).

- (4) Fir-rapporti pubbliċi dwar it-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji ċerti elementi ewlenin, bħall-prezz, il-kwantità u l-ammont nozzjonali ġew espressi b'mod inkonsistenti. L-espressjoni ta' dawn l-elementi jenħtieġ li tkun konformi mal-konvenzjonijiet tas-suq fir-rigward tal-istrumenti individwali. Fir-rigward tal-bonds, jenħtieġ li l-prezz jiġi espress f'perċentwal, sakemm il-konvenzjoni tas-suq ma tiddettax li l-prezz ta' tip speċifiku ta' bond jiġi espress b'mod differenti. Għal Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu, jenħtieġ li l-prezz jiġi espress f'punti bażi li jirċievi l-bejjiegħ tal-protezzjoni tal-kreditu.
- (5) Negożjar fejn diversi bonds differenti, jew strumenti finanzjarji oħra, jinbiegħu simultanjament lil klijent wieħed, inklużi kontropartijiet, bħala negożjar f'portafoll kontra prezz wieħed għal-lott kollu, ma jkunx rikonoxxibbli bħala tali fir-rapporti pubbliċi. Mingħajr identifikazzjoni preċiża ta' tali negożjar f'portafoll, ir-rapporti pubbliċi juru diversi tranżazzjonijiet individwali kontra prezz li ma jirriflettix il-prezz tas-suq. Għalhekk, hemm bżonn li fit-Tabella 3 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jiżdied indikatur għan-negożjar f'portafoll li jidentifika tranżazzjonijiet bħal dawn.
- (6) Iċ-ċentri tan-negożjar, l-arranġamenti ta' publikazzjoni approvati (approved publication arrangements, APAs) u d-ditti tal-investment ma interpretawx b'mod konsistenti r-rekwiżiti relatati mad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-trasparenza ta' wara n-negożjar lill-pubbliku u l-informazzjoni li trid tingħata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) u lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-kalkoli tat-trasparenza. B'riżultat ta' dan, tali informazzjoni hija inkompleta, mhux preċiża jew inkonsistenti. Dan idghajef il-potenzjal tal-użu ta' tali informazzjoni u l-kwalità u l-preċiżjoni tal-kalkoli tat-trasparenza bbażati fuq id-data ppreżentata. Biex tiġi promossa l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negożjar madwar l-Unjoni, hemm bżonn li jiġi speċifikat aktar kif id-dettalji, bħall-prezz u l-ammont nozzjonali, jenħtieġ li jiġu divulgati fir-rigward ta' strumenti finanzjarji differenti miċ-ċentri tan-negożjar, l-APAs u d-ditti tan-negożjar kif ukoll għar-rapportar ta' data ta' referenza u data kwantitattiva lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti.
- (7) Il-likwidità tad-derivattivi tal-komoditajiet tvarja b'mod sinifikanti skont il-karatteristiċi tal-istrumenti. Il-format li bih jiġu rrapportati ċerti karatteristiċi tad-derivattivi tal-komoditajiet u tal-merkanzija bħalissa mhux speċifikat biżżejjed fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Biex jinkiseb rapportar konsistenti ta' dawn il-karatteristiċi u tittejjeb il-kwalità tad-data, jenħtieġ li dawn il-formati jkunu jiddependu fuq l-istandards eżistenti tas-suq u jenħtieġ li jiġu speċifikati.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/583 jiġi emendat skont dan.
- (9) Biex iċ-ċentri tan-negożjar, l-APAs u d-ditti tal-investment ikunu jistgħu jimplementaw il-bidliet meħtieġa fis-sistemi tagħhom, jenħtieġ li ċerti emendi introdotti b'dan ir-Regolament jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Biex ikunu ggarantiti ċ-ċertezza tad-dritt u l-kontinwità għat-tranżazzjonijiet eżegwiti qabel l-1 ta' Jannar 2024 iżda li jiġu ppubblikati jew emendati wara dik id-data, jenħtieġ li l-Artikolu 12 u l-Annessi I, II u IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 kif applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2023 ikomplu japplikaw għat-tranżazzjonijiet eżegwiti qabel l-1 ta' Jannar 2024.
- (10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (11) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/583

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a), id-daqs tal-ordnijiet miżmuma f'faċilità tal-ġestjoni tal-ordnijiet għandu jitkejjel bl-ammont nozzjonali tal-kuntratti nnegożjati kif imsemmi fl-Anness II, it-tabella 2, il-kamp 10.”;

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Super-visorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(2) L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 12

**Applikazzjoni tat-trasparenza ta' wara n-negozjar għal ċerti tranżazzjonijiet imwettqa barra ċentru tan-negozjar**

(L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 (\*).

---

(\*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449).”;

(3) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“*Id-data* msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinġabar f'konformità mal-Anness V.”;

(b) il-paragrafi 17 u 18 jinbidlu b'dan li ġej:

“17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 5 għal kull strument finanzjarju u klassi ta' strument finanzjarju sat-30 ta' April tas-sena ta' wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u sat-30 ta' April ta' kull sena minn hemm 'il quddiem. Ir-riżultati tal-kalkoli għandhom japplikaw mill-ewwel Tnejn ta' Ġunju ta' kull sena wara li jiġu ppubblikati sal-jum ta' qabel l-ewwel Tnejn ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

18. Għall-finijiet tal-kalkoli msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i) u permezz ta' deroga mill-paragrafi 7, 15 u 17, l-awtoritajiet kompetenti għandhom fir-rigward ta' bonds, ħliet l-ETCs u l-ETNs, jiżguraw il-pubblikazzjoni tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a) fuq bażi trimestrali, fl-ewwel Tnejn ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u fl-ewwel Tnejn ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru ta' kull sena minn hemm 'il quddiem. Il-kalkoli għandhom jinkludu tranżazzjonijiet eżegwiti fl-Unjoni matul it-trimestru kalendarju preċedenti u għandhom japplikaw mit-tielet Tnejn ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru ta' kull sena sakemm japplikaw il-kalkoli tal-perjodu trimestrali sussegwenti.”;

(4) L-Anness I jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(8) It-test stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness V.

Artikolu 2

**Dispożizzjoni tranżizzjonali**

L-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 u l-Annessi I, II u IV tiegħu kif applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2023 għandhom ikompli japplikaw għal tranżazzjonijiet eżegwiti qabel l-1 ta' Jannar 2024.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1, il-punti (2), (4), (5) u (7) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX I

## "ANNEX I

**Deskrizzjoni tat-tip ta' sistema u l-informazzjoni relatata li għandha ssir pubblika f'konformità mal-Artikolu 2**

It-tip ta' sistema	Deskrizzjoni tas-sistema	L-informazzjoni li għandha ssir pubblika
Sistema ta' negozjar b'irkant kontinwu permezz ta' ktieb tal-ordnijiet	Sistema li permezz ta' ktieb tal-ordnijiet u algoritmu tan-negozjar imħaddma mingħajr l-intervent tal-bniedem tqabbel l-ordnijiet tal-bejgħ mal-ordnijiet tax-xiri fuq il-bażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa.	Għal kull strument finanzjarju, l-għadd aggregat tal-ordnijiet u l-volum li jirrappreżentaw f'kull livell tal-prezzijiet, għal mill-inqas l-aqwa ħames livelli tal-prezz tat-talba u tal-offerta.
Sistema ta' negozjar ibbażata fuq il-kwotazzjonijiet	Sistema li fiha t-tranżazzjonijiet jiġu konklużi fuq il-bażi ta' kwotazzjonijiet sodi li jitqiegħdu kontinwament għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti, li teżiġi li l-ġeneraturi tas-suq iżommu l-kwotazzjonijiet f'daqs li jibbilanċja l-ħtiġijiet tal-membri u tal-parteċipanti f'termini ta' f'daqs kummerċjali u r-riskju li għalih jesponi ruħu l-ġeneratur tas-suq.	Għal kull strument finanzjarju, l-aħjar talba u offerta skont il-prezz ta' kull ġeneratur tas-suq f'dak l-istrument, flimkien mal-volumi marbutin ma' dawk il-prezzijiet.  Il-kwotazzjonijiet li jsiru pubbliċi għandhom ikunu dawk li jirrappreżentaw impenji fermi biex jinxtraw jew jinbiegħu l-istrumenti finanzjarji u li jindikaw il-prezz u l-volum ta' strumenti finanzjarji fejn il-ġeneraturi tas-suq reġistrati huma ppreparati biex jixtru jew ibiegħu. Madankollu, f'kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonali, jistgħu jkunu permessi prezzijiet indikativi jew unidirezjonali għal żmien limitat.
Sistema ta' negozjar b'irkant perjodiku	Sistema li tqabbel l-ordnijiet fuq il-bażi ta' rkant perjodiku u algoritmu tan-negozjar imħaddma mingħajr l-intervent tal-bniedem.	Għal kull strument finanzjarju, il-prezz li bih is-sistema ta' negozjar b'irkant tissodisfa l-aħjar l-algoritmu tan-negozjar u l-volum li jista' jkun eżegwibbli b'dak il-prezz mill-parteċipanti f'dik is-sistema.
Sistema ta' negozjar ibbażata fuq talba għal kwotazzjonijiet	Sistema ta' negozjar meta kwotazzjoni jew kwotazzjonijiet jingħataw b'rispons għal talba għal kwotazzjoni ppreżentata minn membru jew parteċipant wieħed jew aktar. Il-kwotazzjoni hija eżegwibbli esklużivament mill-membri jew mill-parteċipant tas-suq li jagħmel it-talba. Il-membri jew il-parteċipant li jagħmel it-talba jista' jikkonkludi tranżazzjoni billi jaċċetta l-kwotazzjoni jew il-kwotazzjonijiet ipprovduti lillu fuq talba.	Il-kwotazzjonijiet u l-volumi marbutin minn kwalunkwe membru jew parteċipant li, jekk jiġu aċċettati, iwasslu għal tranżazzjoni skont ir-regoli tas-sistema. Il-kwotazzjonijiet ippreżentati kollha b'rispons għal talba għal kwotazzjoni jistgħu jiġu ppubblikati fl-istess ħin iżda mhux aktar tard minn meta jsiru eżegwibbli.
Sistema ta' negozjar bil-fomm	Sistema ta' negozjar meta t-tranżazzjonijiet bejn il-membri huma rranġati permezz ta' negozjati bil-fomm.	It-talbiet u l-offerti u l-volumi marbutin minn kwalunkwe membru jew parteċipant li, jekk jiġu aċċettati, iwasslu għal tranżazzjoni skont ir-regoli tas-sistema.

It-tip ta' sistema	Deskrizzjoni tas-sistema	L-informazzjoni li għandha ssir pubblika
Sistema ta' negozjar ibrida	Sistema li taqa' f'żewġ tipi ta' sistemi ta' negozjar jew aktar imsemmija fir-ringieli minn 1 sa 5 ta' din it-Tabella.	<p>Għal sistemi ta' negozjar ibridi li jikkombinaw sistemi ta' negozjar differenti fl-istess ħin, ir-rekwiżiti jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar applikabbli għal kull tip ta' sistema ta' negozjar li tiffirma s-sistema ibrida.</p> <p>Għal sistemi ta' negozjar ibridi li sussegwentement jikkombinaw żewġ sistemi ta' negozjar jew aktar, ir-rekwiżiti jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar applikabbli għas-sistema ta' negozjar rispettiva mħaddma f'mument partikolari.</p>
Kull sistema oħra ta' negozjar	Kull sistema oħra ta' negozjar mhux koperta mir-ringieli minn 1 sa 6.	Informazzjoni adegwata rigward il-livell tal-ordnijiet jew tal-kwotazzjonijiet u tal-interess tan-negozjar; b'mod partikolari, l-aħjar ħames livelli ta' prezzijiet tat-talbiet u l-offerti u/jew kwotazzjoni bidirezzjonali ta' kull ġeneratur tas-suq fl-istrument, jekk il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' skoperta tal-prezz jippermettu dan."



## ANNEX II

L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(1) It-Tabella 2 tinbidel b'dan li ġej:

## "Tabella 2

## Lista ta' dettalji għall-finijiet tat-trasparenza ta' wara n-negozjar

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jintela kif definit fit-Tabella 1
1	Id-data u l-ħin tan-negozjar	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>Id-data u l-ħin meta twettqet it-tranżazzjoni.</p> <p>Għal tranżazzjonijiet li twettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' granularità għandu jkun f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/574 <sup>(1)</sup>.</p> <p>Għal tranżazzjonijiet li ma twettqux f'ċentru tan-negozjar, id-data u l-ħin għandhom ikunu meta l-partijiet jaqblu dwar il-kontenut tal-kampi segwenti: il-kwantità, il-prezz, il-muniti kif speċifikat fil-kampi 31, 34 u 44 tat-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument, il-klassifikazzjoni tal-istrument u l-kodiċi tal-istrument sottostanti, meta applikabbli. Għat-tranżazzjonijiet mhux eżegwiti f'ċentru tan-negozjar il-ħin irrappurtat għandu jkun preċiż għal mill-inqas l-eqreb sekonda.</p> <p>Meta t-tranżazzjoni tirriżulta minn ordni traż-messa mill-kumpanija ta' eżekuzzjoni fisem klijent lil terza persuna meta l-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590 ma ġewx issodisfati, din għandha tkun id-data u l-ħin tat-tranżazzjoni aktar milli l-ħin tat-trażmissjoni tal-ordni.</p>	<p>Suq Regolat (Regulated Market, RM)</p> <p>Faċilità Multilaterali tan-Negozjar (Multilateral Trading Facility, MTF), Faċilità Organizzata tan-Negozjar (Organised Trading Facility, OTF)</p> <p>Arranġament ta' Pubblikazzjoni Approvata (Approved Publication Arrangement, APA)</p> <p>Fornitur ta' tape konsolidat (consolidated tape provider, CTP)</p>	{DATE_TIME_FORMAT}
2	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{ISIN}.
3	Prezz	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>Il-prezz innegozjat tat-tranżazzjoni ħliet, meta applikabbli, il-kummissjoni u l-imgħax akkumulat.</p> <p>Il-prezz innegozjat għandu jiġi rrapportat f'konformità mal-konvenzjoni standard tas-suq. L-informazzjoni rrapportata f'dan il-kamp għandha tkun konsistenti mal-valur ipprovdut fil-kamp 'Notazzjoni tal-Prezz'.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx attwalment disponibbli iżda pendent (pending, 'PNDG') jew mhux applikabbli (not applicable, 'NOAP'), dan il-kamp ma għandux jintela.</p>	RM, MTF, OTF, APA, CTP	<p>{DECIMAL-18/13} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala valur monetarju</p> <p>{DECIMAL-11/10} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew rendiment</p> <p>{DECIMAL-18/17} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala punti bażi</p>

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
4	Prezz Nieqes	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>Meta l-prezz ma jkunx disponibbli attwalment iżda jkun pendent, il-valur għandu jkun 'PNDG'.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx applikabbli il-valur għandu jkun 'NOAP'.</p>	RM, MTF, OTF, APA, CTP	<p>'PNDG' f'każ li l-prezz ma jkunx disponibbli</p> <p>'NOAP' f'każ li ma jkunx applikabbli l-prezz</p>
5	Munita tal-prezz	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	Il-munita ewlenija li biha jiġi espress il-prezz (applikabbli jekk il-prezz jiġi espress bħala valur monetarju).	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{CURRENCYCODE_3}
6	Notazzjoni tal-prezz	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>Indikazzjoni dwar jekk il-prezz huwiex espress f'valur monetarju, f'perċentwal, f'punti bażi jew f'rendiment</p> <p>In-notazzjoni tal-prezz għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-konvenzjoni standard tas-suq.</p> <p>Għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu, dan il-kamp għandu jimtela b'"BAPO".</p> <p>Għal bonds (għajr ETNs u ETCs) dan il-kamp għandu jimtela b'perċentwal (PERC) tal-ammont nozzjonali. Meta prezz f'perċentwali ma jkunx il-konvenzjoni standard tas-suq, dan għandu jimtela b'YIEL, BAPO jew MONE, f'konformità mal-konvenzjoni standard tas-suq.</p> <p>L-informazzjoni rrapportata f'dan il-kamp għandha tkun konsistenti mal-valur ipprovdut fil-kamp 'Price'.</p> <p>Meta l-prezz ikun irrapportat f'termini monetarji, dan għandu jingħata fl-unità tal-munita prinċipali.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx attwalment disponibbli iżda pendent ('PNDG') jew mhux applikabbli ('NOAP'), dan il-kamp ma għandux jimtela.</p>	RM, MTF, OTF, APA, CTP	<p>'MONE' — Valur monetarju</p> <p>'PERC' — Perċentwal</p> <p>'YIEL' — Rendiment</p> <p>'BAPO' — Punti bażi</p>

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jmintela kif definit fit-Tabella 1
7	Kwantità	Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1), il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament.	Għal strumenti finanzjarji nnegozjati f'unitajiet, l-għadd ta' unitajiet tal-istrument finanzjarju. Inkella ħalli vot.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{DECIMAL-18/17}
8	Kwantità f'unita tal-kejl	Għal kuntratti ddeżinjati f'unitajiet f'derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi C10, derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet u kwoti tal-emissjonijiet ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament.	L-ammont ekwivalenti ta' prodott bażiku jew kwota ta' emissjoni nnegozjata espressa fl-unità ta' kejl.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{DECIMAL-18/17}
9	Notazzjoni tal-kwantità f'unita ta' kejl	Għal kuntratti ddeżinjati f'unitajiet f'derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi C10, derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet u kwoti tal-emissjonijiet ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament	Indikazzjoni tan-notazzjoni meta hija espressa l-kwantità fl-unità ta' kejl.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	'TOCD' — tunnelli ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju, għal kwalunkwe kuntratt relatat mal-kwoti tal-emissjonijiet  'TONE' — tunneli metriċi  'MWHO' — megawatt sigħat  'MBTU' — miljun unità termali Brittanika  'THMs' — unitajiet tas-sħana  'DAYS' — jiem  jew  {ALPHANUM-4} f'kull każ ieħor

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jittela kif definit fit-Tabella 1
10	Ammont nozzjonali	Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħliet fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1), il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament.	<p>Dan il-kamp għandu jinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) għall-bonds (esklużi l-ETCs u l-ETNs), bil-valur nominali, li huwa l-ammont imħallas lura fit-tifdija lill-investitur;</li> <li>(ii) għal ETCs u ETNs u derivattivi titolizzati, bl-għadd ta' strumenti skambjati bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa mmultiplikati bil-prezz tal-istrument skambjat għal dik it-tranżazzjoni speċifika. B'mod ekwivalenti, bil-kamp tal-prezz immultiplikati bil-kamp tal-kwantità;</li> <li>(iii) għall-prodotti finanzjarji strutturati (structured finance products, SFPs), bil-valur nominali għal kull unità mmultiplikati bl-għadd ta' strumenti fil-ħin tat-tranżazzjoni;</li> <li>(iv) għal swaps ta' inadempjenza ta' kreditu, bl-ammont nozzjonali li għalih tkun akkwistata jew mibjugħa il-protezzjoni;</li> <li>(v) għal opzjonijiet, swapzjonijiet, swaps għajr dawk f'(iv), futures u forwards, bl-ammont nozzjonali tal-kuntratt;</li> <li>(vi) għall-kwoti tal-emissjonijiet, bl-ammont li jirriżulta tal-kwantità bil-prezz rilevanti stabbilit fil-kuntratt fil-ħin tat-tranżazzjoni. B'mod ekwivalenti, bil-kamp tal-prezz immultiplikati bil-kwantità fil-kamp tal-unità ta' kejl;</li> <li>(vii) fil-każ ta' spread bets, bil-valur monetarju abbinat ma' kull punt ta' moviment fl-istrument finanzjarju sottostanti fil-ħin tat-tranżazzjoni;</li> <li>(viii) għall-kuntratti għad-differenza, bl-għadd ta' strumenti skambjati bejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa mmultiplikati bil-prezz tal-istrument skambjat għal dik it-tranżazzjoni speċifika. B'mod ekwivalenti, bil-kamp tal-prezz immultiplikati bil-kamp tal-kwantità.</li> </ul>	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{DECIMAL-18/5}

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
11	Munita nozzjonali	Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1), il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament.	Il-munita prinċipali li fiha huwa denominat l-ammont nozzjonali.  Fil-każ ta' kuntratt tad-derivattivi FX jew swap b'diversi muniti jew swapzjoni meta l-iswap sottostanti tkun ta' diversi muniti jew ta' CFD tal-munita jew kuntratt ta' spread-betting, din tkun il-munita nozzjonali tal-komponent 1.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{CURRENCYCODE_3}
12	Tip	Għal kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet biss	Dan il-kamp huwa applikabbli għall-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet biss.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	'EUAE' — EUA  'CERE' — CER  'ERUE' — ERU  'EUAA' — EUAA  'OTHR' — Oħrajn
13	Ċentru tal-eżekuzzjoni	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	L-identifikazzjoni taċ-ċentru meta tkun saret it-tranżazzjoni.  Uża l-kodiċi MIC tas-segment ISO 10383 għal tranżazzjonijiet eżegwiti f'ċentru tan-negozjar. Meta s-segment MIC ma jkunx jeżisti, uża l-MIC operattiv.  Uża 'SINT' għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar, meta t-tranżazzjoni fuq dak l-istrument finanzjarju tkun eżegwita f'Internalizzatur Sistemiku.  Għal strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar, meta t-tranżazzjoni f'dak l-istrument finanzjarju la hija eżegwita f'ċentru tan-negozjar tal-UE u lanqas minn internaizzatur sistemiku uża l-kodiċi MIC 'XOFF'. Jekk it-tranżazzjoni tiġi eżegwita fuq pjattaforma organizzata tan-negozjar barra mill-UE, flimkien ma' 'XOFF' hemm bżonn jimtela wkoll il-kamp 'Ċentru ta' negozjar ta' eżekuzzjoni ta' pajjiż terz'.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{MIC} – ċentri tan-negozjar tal-UE jew  'SINT' — interna-lizzatur sistema-tiku  'XOFF' — f'kull każ ieħor

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
14	Ċentru tan-negozjar ta' eżekuzzjoni ta' pajjiż terz	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>L-identifikazzjoni taċ-ċentru ta' negozjar tal-pajjiż terz meta tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni.</p> <p>Uża l-kodiċi MIC tas-segment ISO 10383. Meta s-segment MIC ma jkunx jeżisti, uża l-MIC operattiv.</p> <p>Meta t-tranżazzjoni ma tiġix eżegwita f'ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz, il-kamp ma għandux jimtela.</p>	APA, CTP	{MIC}
15	Id-Data u l-Ħin tal-Pubblikazzjoni	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	<p>Id-data u l-ħin meta tkun ġiet ippubblikata t-tranżazzjoni minn ċentru tan-negozjar jew APA.</p> <p>Għal tranżazzjonijiet li twettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' granularità għandu jkun f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/574.</p> <p>Għal tranżazzjonijiet li ma twettqux f'post tan-negozjar il-ħin irrappurtat għandu jkun granulari għal mill-inqas l-eqreb sekonda.</p>	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{DATE_TIME_FORMAT}
16	Post tal-pubblikazzjoni	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-post tan-negozjar u l-APA li jipubblika t-tranżazzjoni.	CTP	<p>Post tan-Negozjar: {MIC}</p> <p>APA: {MIC} meta disponibbli. Inkella, kodiċi ta' erba' karattri kif ippubblikat fil-lista ta' data li tirrapporta fornituri ta' servizzi fis-sit web tal-ESMA.</p>
17	Kodiċi ta' Identifikazzjoni tat-Tranżazzjoni	Għall-istrumenti finanzjarji kollha	Kodiċi alfanumeriku assenjat miċ-ċentri tan-negozjar (skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 <sup>(?)</sup> ) u l-APAs u użat f'kull referenza sussegwenti għan-negozjar speċifiku.	RM, MTF, OTF, APA, CTP	{ALPHANUMERICAL-52}

#	Identifikatur tal-kamp	Strumenti finanzjarji	Deskrizzjoni u dettalji li jridu jiġu ppubblikati	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1
			<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull segment MIC skont ISO 10383 u għal kull jum ta' negozjar. Meta ċ-ċentru tan-negozjar ma jużax MICs tas-segment, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull MIC operattiv għal kull jum ta' negozjar.</p> <p>Meta l-APA ma jużax l-MICs, għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull kodiċi ta' erba' karattri użat biex jiġi identifikat l-APA għal kull jum ta' negozjar.</p> <p>Il-komponenti tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni ma għandhomx jiżvelaw l-identità tal-kontropartijiet għat-tranżazzjoni li għaliha jkun qiegħed jinżamm il-kodiċi</p>		
18	Tranżazzjoni li għandha titneħħa	Għal derivattivi	Kodiċi biex jiġi identifikat jekk it-tranżazzjoni hijiex se titneħħa.	RM,MTF, OTF, APA, CTP	<p>'TRUE' — it-tranżazzjoni li għandha titneħħa</p> <p>'FALSE' — it-tranżazzjoni li ma għandhiex titneħħa</p>

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/574 tas-7 ta' Ġunju 2016 i jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal-livell ta' preċiżjoni tal-arloġġi tan-negozju (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 148).

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għaż-żamma tad-*data* rilevanti dwar l-ordnijiet fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 193).

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 148/2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-*data* li trid tiġi rrapportata lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet."

(2) It-Tabella 3 tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 3

**Lista ta' indikaturi għall-finijiet tat-trasparenza ta' wara n-negozjar**

Indikatur	Isem	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Deskrizzjoni
'BENC'	Indikatur tat-tranżazzjoni bħala punt ta' riferiment	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet eżegwiti b'referenza għal prezz li huwa kkalkulat fuq diversi istanzi ta' żmien skont parametru referenzjarju partikolari, bħalma huwa l-prezz medju ponderat skont il-volum jew il-prezz medju ponderat skont il-ħin.
'ACTX'	Indikatur ta' tranżazzjoni agency cross	APA, CTP	Tranżazzjonijiet meta impriża ta' investiment tkun laqgħet flimkien żewġ ordnijiet ta' klijenti bix-xiri u l-bejgħ li jkun sar bħala tranżazzjoni waħda u li tinvolvi l-istess volum u prezz.
'NPFT'	Indikatur tat-tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet	RM, MTF, OTF, CTP	Tranżazzjonijiet li ma jikkontribwux għall-formazzjoni tal-prezzijiet kif stabbilit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590.

Indikatur	Isem	Tip ta' ċentru ta' eżekuzzjoni jew ta' pubblikazzjoni	Deskrizzjoni
'LRGS'	Indikatur tat-tranżazzjoni LIS ta' wara n-negozjar	RM, MTF, OTF APA CTP	Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-differiment fuq skala kbira ta' wara n-negozjar.
'ILQD'	Indikatur ta' tranżazzjoni ta' strument mhux likwidu	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-differiment għall-istrumenti li għalihom ma hemmx suq likwidu.
'DAQS'	Indikatur tat-tranżazzjoni SSTI ta' wara n-negozjar	RM, MTF, OTF APA, CTP	Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-daqs ta' wara n-negozjar speċifiku għad-differiment tal-istrument.
'TPAC'	Indikatur tat-tranżazzjoni f'pakkett	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet f'pakkett li mhumiex skambju ma' prodotti fiżiċi kif iddefinit fl-Artikolu 1.
'XFPH'	Indikatur tat-tranżazzjonijiet ta' skambju ma' prodotti fiżiċi	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Skambju ma' prodotti fiżiċi kif definit fl-Artikolu 1.
'CANC'	Indikatur ta' kanċellazzjoni	RM, MTF, APA, CTP	Meta tiġi kanċellata tranżazzjoni li ġiet ippubblikata qabel.
'AMND'	Indikatur ta' emenda	RM, MTF, APA, CTP	Meta tiġi emendata tranżazzjoni li ġiet ippubblikata qabel.
'PORT'	Indikatur ta' negozjar f'portafoll	RM, MTF, APA, CTP	Tranżazzjoni f'ħames strumenti finanzjarji differenti jew aktar meta dawn it-tranżazzjonijiet jiġu nnegozjati fl-istess ħin mill-istess klijent u bi prezz wieħed tal-lott u li ma tkunx 'tranżazzjoni f'pakkett' kif imsemmi fl-Artikolu 1(1).

## INDIKATURI TA' DIFFERIMENT SUPPLEMENTARI

Artikolu 11(1)(a)(i).	'LMTF'	Indikatur ta' dettalji limitati	RM, MTF, OTF, APA, CTP	L-ewwel rapport bil-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (a)(i).
	'FULF'	Indikatur ta' dettalji sħaħ		Tranżazzjoni li għaliha dettalji limitati ġew ippubblikati qabel f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (a)(i).
Artikolu 11(1)(a)(ii).	'DATF'	Kuljum indikatur ta' azzjoni aggregata	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Pubblikazzjoni ta' tranżazzjoni aggregata ta' kuljum f'konformità mal-Artikolu 11(1)(a)(ii).
	'FULA'	Indikatur ta' dettalji sħaħ		Tranżazzjonijiet individwali li għalihom dettalji aggregati ġew ippubblikati qabel f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (a)(ii).



Artikolu 11(1)(b)	'VOLO'	Indikatur tal-omissjoni tal-volum	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjoni li għaliha dettalji limitati huma ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (b).
	'FULV'	Indikatur ta' dettalji sħaħ	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjoni li għaliha dettalji limitati ġew ippubblikati qabel f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (b)
Artikolu 11(1)(c)	'FWAF'	Indikatur ta' aggregazzjoni ta' erba' ġimgħat	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (c).
	'FULJ'	Indikatur ta' dettalji sħaħ	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet individwali li kienu bbenefikaw minn publikazzjoni aggregata f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (c).
Artikolu 11(1)(d)	'IDAF'	Indikatur ta' aggregazzjoni mhux definita	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet li għalihom il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata ġiet permessa għal perjodu ta' żmien indeterminat f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (d).
L-użu konsekuttiv tal-Artikolu 11(1)(b) u l-Artikolu 11(2)(c) għall-istrumenti ta' dejn sovrani	'VOLW'	Indikatur tal-omissjoni tal-volum	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjoni li għaliha dettalji limiti huma ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 11(1)(b) u li għalihom il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu ta' żmien indeterminat tiġi permessa b'mod konsekuttiv f'konformità mal-Artikolu 11(2), il-punt (c).
	'COAF'	Indikatur ta' aggregazzjoni konsekuttiva (omissjoni ta' volum ta' wara għall-istrumenti ta' dejn sovrani)	RM, MTF, OTF, APA, CTP	Tranżazzjonijiet li għalihom dettalji limitati ġew ippubblikati qabel f'konformità mal-Artikolu 11(1)(b) u li għalihom il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu ta' żmien indeterminat ġie permess b'mod konsekuttiv f'konformità mal-Artikolu 11(2), il-punt (c)."

(3) It-Tabella 4 tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 4

**Kejl tal-volum**

Tip ta' strument	Volum
Il-bonds kollha ħliet ETCs u ETNs u prodotti finanzjarji strutturati	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Bonds tat-tip ETC u ETN	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi titolizzati	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi tar-rati tal-imgħax	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Tip ta' strument	Volum
Derivattivi tal-Kambju	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi azzjonarji	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi ta' komoditajiet	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi ta' kreditu	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Kuntratt għad-differenzi	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi C10	'Ammont nozzjonali' tal-kuntratt innegozjat skont il-kamp 10 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet	'Kwantità fl-unità ta' kejl' skont il-kamp 8 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Kwoti tal-emissjonijiet	'Kwantità f'unità ta' kejl' skont il-kamp 8 tat-Tabella 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.”.

L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(1) fil-parti 1, il-punt 13 jinbidel b'dan li ġej:

“13. ‘Swapzjoni jew Opzjoni fuq swap’ tfisser kuntratt ta’ opzjoni li jagħti lis-sid id-dritt, iżda mhux l-obbligu, li jidħol fi swap f’ċerta data jew sa ċerta data futura jew data tal-eżerċizzju.”;

(2) It-Tabella 2.2 tinbidel b'dan li ġej:

“Tabella 2.2

**Bonds (it-tipi ta’ bonds kollha ħlief ETC u ETN) — klassijiet li ma għandhomx suq likwidu**

Klassi ta’ assi — Bonds (it-tipi ta’ bonds kollha ħlief ETC u ETN)			
Kull bond individwali għandu jkun determinat li ma jkollux suq likwidu skont l-Artikolu 13(18) jekk huwa kkaratterizzat minn kombinazzjoni speċifika tat-tip ta’ bond u daqs ta’ ħruġ kif speċifikat f’kull ringiela tat-tabella.			
Tip ta’ Bond		Daqs ta’ ħruġ - RTS23#14	
Bond Sovran RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = EUSB	tfisser bond li la huwa konvertibbli u lanqas bond kopert u jinħareġ minn emittent sovrani: (a) l-Unjoni; (b) Stat Membru, inkluż dipartiment tal-gvern, aġenzija jew vettura bi skop speċjali ta’ Stat Membru; (c) entità sovrana li mhijiex imniżżla fil-punti (a) u (b).	inqas minn (f’EUR)	1 000 000 000

Klassi ta' assi — Bonds (it-tipi ta' bonds kollha ħlief ETC u ETN)			
Tip ta' Bond		Daqs ta' ħruġ - RTS23#14	
Bond Pubbliku Ieħor RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = OEPB	<p>tfisser bond li la huwa konvertibbli u lanqas bond kopert u jinħareġ minn xi wieħed mill-emittenti pubbliċi li ġejjin:</p> <p>(a) f'każ ta' Stat Membru federali, membri ta' dik il-federazzjoni;</p> <p>(b) vettura bi skop speċjali għal diversi Stati Membri;</p> <p>(c) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar li jkollha l-għan li timmobilizza l-iffinanzjar u tagħti assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li jkunu għaddejjin minn jew mhedda bi problemi finanzjarji severi;</p> <p>(d) il-Bank Ewropew tal-Investment;</p> <p>(e) entità pubblika li mhijiex emittent ta' bond sovrani kif speċifikat fir-ringiela preċedenti.</p>	inqas minn (f'EUR)	500 000 000
Bond Konvertibbli RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = CVTB	tfisser strument li jikkonsisti f'bond jew strument ta' dejn titolizzat b'derivattivi inkorporat, b'hal opzjoni li tinxtara l-ekwità sottostanti	inqas minn (f'EUR)	500 000 000
Bond Kopert RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = CVDB	tfisser bonds kif imsemmijin fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE	matul l-istadji S1 u S2	
		inqas minn (f'EUR)	1 000 000 000
		inqas minn (f'EUR)	500 000 000

Klassi ta' assi — Bonds (it-tipi ta' bonds kollha ħlief ETC u ETN)					
Tip ta' Bond		Daqs ta' ħruġ - RTS23#14			
		matul l-istadji S1 u S2		matul l-istadji S3 u S4	
Bond Korporattiv RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = CRPB	tfisser bond li la huwa bond konvertibbli u lanqas kopert u li jinħareġ minn Societas Europaea stabbilita f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 <sup>(1)</sup> jew tip ta' kumpanija elenkata fl-Anness I jew l-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill <sup>(2)</sup> jew ekwivalenti f'pajjiżi terzi	inqas minn (f'EUR)	1 000 000 000	inqas minn (f'EUR)	500 000 000
Tip ta' Bond	Għall-għan tad-determinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji meqjusa li ma għandhomx suq likwidu skont l-Artikolu 13(18), għandha tiġi applikata l-metodoloġija li ġejja				
Bond Ieħor RTS2#3 = BOND u RTS2#9 = OTHR	Bond li ma jappartjeni għal ebda tip ta' bond imsemmi hawn fuq huwa meqjus li ma għandux suq likwidu				

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpanija Ewropea (SE) (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19)".

(3) It-Tabella 2.4 tinbidel b'dan li ġej:

“Tabella 2.4

**Bonds (tipi ta' bonds ETC u ETN) — klassijiet li ma għandhomx suq likwidu**

Tip ta' bond	Kull strument finanzjarju individwali għandu jkun determinat li ma jkollux suq likwidu skont l-Artikoli 6 u 8(1)(b) jekk ma jissodisfax wieħed mil-livelli limitu li ġejjin jew kollha kemm huma tal-kriterji ta' likwidità kwantitattivi	
	Fatturat medju ta' kuljum (average daily turnover, ADT) [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 1]	Għadd medju ta' negozji kuljum [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 2]
<p><b>Komoditajiet Innegozjati fil-Borża (ETCs) - RTS2 # 3 = ETCS</b></p> <p>strument ta' dejn maħruġ kontra investiment dirett mill-emittent fi prodotti bażiċi jew kuntratti tad-derivattivi ta' komoditajiet. Il-prezz ta' ETC huwa marbut direttament jew indirettament mal-prestazzjoni tas-sottostanti. ETC tittraċċa b'mod passiv il-prestazzjoni tal-prodott bażiku jew indiċi tal-prodott bażiku li tirreferi għalihom.</p>	EUR 500 000	10
<p><b>Noti ta' Negozju fil-Borża (ETNs) - RTS2#3 = ETNS</b></p> <p>strument ta' dejn maħruġ kontra investiment dirett mill-emittent fis-sottostanti jew f'kuntratti tad-derivattivi sottostanti. Il-prezz ta' ETN huwa marbut direttament jew indirettament mal-prestazzjoni tas-sottostanti. ETN issegwi b'mod passiv il-prestazzjoni tas-sottostanti li jkun qiegħed jirreferi għalih.</p>	EUR 500 000	10"

(4) It-Tabella 3.1 tinbidel b'dan li ġej:

“Tabella 3.1

**SFPs — klassijiet li ma għandhomx suq likwidu**

<b>Klassi ta' assi – Prodotti Finanzjarji Strutturati (Structured Finance Products, SFPs)</b>
<b>Test 1 – valutazzjoni ta' klassi ta' assi tal-SFPs</b>

Valutazzjoni ta' klassi ta' assi tal-SFPs għall-fini tad-determinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji meqjusa li ma għandhomx suq likwidu skont l-Artikoli 6 u 8(1), il-punt (b) – RTS2#3 = SFPS

Tranżazzjonijiet li għandhom jitqiesu għall-kalkoli tal-valuri relatati mal-kriterji ta' likwidità kwantitattivi għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' klassi ta' assi tal-SFPs	Il-klassi ta' assi tal-SFPs għandha tiġi vvalutata b'applikazzjoni tal-livelli limitu li ġejjin tal-kriterji ta' likwidità kwantitattivi	
	Ammont nozzjonali medju ta' kuljum (ADNA) [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 1]	Għadd medju ta' negozji kuljum [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 2]
Tranżazzjonijiet imwettqa fl-SFPs kollha	EUR 300 000 000	500

<b>Test 2 — SFPs li ma għandhomx suq likwidu</b>
--

Jekk il-valuri relatati mal-kriterji ta' likwidità kwantitattivi huma t-tnejn li huma 'l fuq mil-livelli limitu ta' likwidità kwantitattiva stabbiliti għall-għan tal-valutazzjoni tal-klassi ta' assi tal-SFPs, it-Test 1 jinqabeż u għandu jsir it-Test 2. Kull strument finanzjarju individwali għandu jkun determinat li ma jkollux suq likwidu skont l-Artikoli 6 u 8(1)(b) jekk ma jissodisfax wieħed mil-livelli limitu li ġejjin jew kollha kemm huma tal-kriterji ta' likwidità kwantitattivi

Ammont nozzjonali medju ta' kuljum (ADNA) [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 1]	Għadd medju ta' negozji kuljum [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 2]	Perċentwal ta' jiem innegozjati matul il-perjodu kkunsidrat [kriterju ta' likwidità kwantitattiv 3]
EUR 100 000	2	80 %".

(5) It-Tabella 4.1 tinbidel b'dan li ġejj:

“Tabella 4.1

**Derivattivi titolizzati — klassijiet li ma għandhomx suq likwidu**

**Klassi ta' assi – Derivattivi Titolizzati**

tfisser titolu trasferibbli kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(44)(c) tad-Direttiva 2014/65/UE differenti mill-prodotti finanzjarji strutturati u għandu jinkludi mill-inqas:

- (a.1) mandati koperti ordinarji li jfissru titoli maħruġa minn istituzzjoni finanzjarja li tagħti lid-detentur id-dritt, iżda mhux l-obbligu, li
  - (a) jixtri, fid-data tal-iskadenza jew sad-data tal-iskadenza, ammont speċifiku tal-assi sottostanti bi prezz tal-eżerċitar predeterminat jew, fkaż li s-saldu fi flus kontanti jkun ġie ffissat, jirċievi l-ħlas tad-differenza pożittiva bejn il-prezz attwali tas-suq u l-prezz tal-eżerċitar mill-bejjiegħ; jew
  - (b) ibigħ, fid-data tal-iskadenza jew sad-data tal-iskadenza, ammont speċifiku tal-assi sottostanti bi prezz tal-eżerċitar predeterminat, jew fkaż li jkun ġie ffissat is-saldu fi flus kontanti, jirċievi l-ħlas tad-differenza pożittiva bejn il-prezz tal-eżerċitar u l-prezz attwali tas-suq mix-xerrej;
- (a.2) mandati li jfissru titoli maħruġa mill-istess emittent tal-assi sottostanti li jagħtu lid-detentur id-dritt, iżda mhux l-obbligu, li
